# IT-TFULIJA MISTURA TA' CONCETTA BRINCAT




▲ Concetta Brincat u żewġha Vincenzo fin-nofs, imdawrin bi wliedhom. Fit-tarf hemm ħuha Spiridione Sciberras.



Dedica

O Maria Immaculata;
Lilech noffri dan il ctieb
Phala sinjal ta imħabba
U biex Lilech nati gieħ.
O Maria taħt il mant tighech
Zommi mela deijem int
Phal ma zammeitni min zghoriti
Seuua fil gid seuua fil ħemm.
Berieni Maria!
Bierech l'gheziez min tighi.
Berieni f'ħedil ħaiffa
Berichni f'uaħt il meut tighi.

Cornelia Melitesi

Prologo.
fuk ir-Revoluzioni Francia
tas-sena 1789

Min ma samax! jeu ma karax xi ħagia fuk it taħuid terribli li chien inkala geuua Franza fis-sena 1789 li chellu itħasemma ir-regnu tal biza u tad dmia!
Chem cluf u cluf ta nies kaleu ħajjithom vittmi ta l'ambizioni u il mibgheda tal poplu baxx contra in-nobli u is-sacerdoti!!!
Imma għal min ma karax dana colla tajjeb tagħeidu ħagia zgħeira fuka, biex min jakra icollu xi idea tal eru delta li saru dauc iz-zmienijiet li jisteu jissachbu li zmien il persecuzioni ta l'insara meta chien isaltna il chiefer Neruni!!.
Fiz-zmien in-racont tighana chien jir-regna fuk it-tron ta sabiħa Franza it-tajjeb Re Louigi XVI li chien iz-zeuueg lil principissa Maria Antonietta tal l'Austria.
Cul ma chien jitolbu il poplu dan it tuajjeb Re chien ittiom, għalchem contra il volontà tan-nobli li chienu superbi u cbirin għal l'aħħar.

▲ L-ewwel paġna, iffirmata b'isimha u bl-isem li ħolqot, tar-rumanz Il-Familja de Valereux



minn Prof. Adrian Grima

**Fir-rebbiegħa tal-1875, omm u erba' wlied, mgħobbijin bil-ftit affarijiet li kellhom, telqu mid-dar li kienu krew Birkirkara, fejn twieldu u trabbew il-ħamsa li huma. Niżlu l-Port il-Kbir u minn hemm qabdu l-vapur bl-istim għal Tuneż. L-omm, Ġuża Sciberras, ma kellhiex passaport. Lanqas kienet applikat għal wieħed. Telgħu fuq il-vapur bil-passaport ta' Spiru, binha l-kbir, ġuvni ta' 23 sena li xahar qabel kien wasal Malta fuq l-istess vapur mill-Afrika ta' Fuq.**

**KONSTANTINA**

Spiru kien ilu tliet snin Konstantina. Hemmhekk kollox jindika li kien qed joqgħod maz-ziju tiegħu Vincent Borg, ħu ommu. Ma nafux meta mar Konstantina dan iz-ziju. Lanqas ma nafu kienx hemm qraba oħrajn tal-familja Sciberras. Nafu wkoll, però, li missier Spiridione, Ġużeppi, mar Konstantina fi tmiem is-sajf tal-1874 u aktarx kien qed jaħdem fl-istess negozju miegħu. Spiru jissemma fost l-oħrajn bħala "limonadier", jew "cafetier", għax kellu ħanut żgħir li jbigħ luminati, kafè u xorb ieħor, xi tip ta' snack bar.

Konstantina hija belt fil-għoli, 640 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, fil-Lvant tal-Alġerija, in-naħa tat-Tuneżija. Ma kinitx wieħed mill-iktar ċentri popolari mal-emigranti Maltin. Konstantina tinsab 80 kilometru 'l bogħod mill-baħar Mediterran. Ma kinitx mal-baħar, bħal Bona u Philippeville. Skont Kamel Kateb, 73% tal-Maltin kienu jgħixu f'dawn iż-żewġ bliet portwali u ħafna minnhom kienu "commerçants ou maraîchers". Minkejja l-qrubija, kien hemm vjaġġ twil bejn Malta u Konstantina, biċċa, forsi biċċtejn bil-baħar, u aktarx biċċa oħra bil-ferrovija. Il-klima kienet "Mediterranja" imma mhux għalkollox bħal dik li kienu mdorrijin biha l-Maltin.

Fl-1844 il-Franċiżi ddeċidew li jimponu "belt Ewropea" fuq Konstantina. Dan wassal għall-ħolqien ta' żewġ kwartieri li kellhom anki amministrazzjoni separata. Fil-kwartier Ewropew kien hemm immigranti Ewropej, id-dixxendenti tagħhom u gwarniġjon ta' 5,000 suldat. L-Alġerini tal-belt, bil-kulturi antiki tagħhom, sabu ruħhom ikkolonizzati minn superpotenza militari li waslet bil-pretensjoni u bl-iskuża li kellha missjoni












L-ewwel rumanz Concetta Brincat kitbitu Tas-Sliema fl-1919 fuq 1274 paġna f'31 pitazz

ċivilizzatriċi x'taqdi. Il-familja Sciberras kienet tgħammar fil-qalba tal-kwartier Alġerin, fi triq imsemmija għal ġeneral Franċiż li kien indarab fl-assedju ta' Konstantina fl-1837.

Ma' Spiru Sciberras telgħu fuq il-vapur ommu Ġuża, xebba Borg; ħuh Salvu ta' erbatax; oħtu Karmena ta' disa' snin; u oħtu ż-żgħira Concetta ta' erba' snin. L-uniku mod kif stajt inkun ċert li Concetta marret mal-familja tagħha l-Alġerija kien billi nsib isimha mniżżel fil-manifest ta' vapur fi triqtu lejn l-Afrika ta' Fuq u mbagħad fil-manifest ta' vjaġġ ieħor mill-Afrika ta' Fuq lejn Malta. Mill-bqija, ma sibt ebda dokument li jsemmi lil Concetta Sciberras b'isimha waqt li kienet l-Alġerija.

Għadu ma rnexxilix insib reġistri tal-iskola f'Konstantina li fihom hemm imniżżel isem Concetta Sciberras. Ma nafx jeżistux. Uliedha u wlied uliedha jgħidu li kisbet iċ-Ċertifikat prestiġjuż tal-Istudji Primarji li fis-sistema Franċiża kien jingħata lill-aħjar studenti. Imma ma rnexxieli nsib ebda prova ta' dan. Mill-arkivji tal-Knisja Kattolika ta' Konstantina ksibt ħafna informazzjoni dwar ħutha u n-neputijiet, imma dawn kollha marbutin mat-twelid, maż-żwieġ u mal-mewt. Għalhekk Concetta ma tidher imkien, lanqas bħala xhud. F'dan is-sens, bħal ħafna nisa oħrajn, Concetta inviżibbli.

## DULUR

L-informazzjoni fl-arkivji kolonjali Franċiżi u f'dawk tal-Knisja Kattolika tagħtina ħjiel tal-ħajja tal-familja Sciberras, jew "Xiberras", kif kważi dejjem kienu jiktbulhom kunjomhom l-awtoritajiet Frankofoni, fil-qalba ta' Konstantina. Il-membri tal-familja Sciberras jidher li kienu jagħmluha ħafna mal-Maltin imwielda Malta jew l-Alġerija, speċjalment ma' nies tal-ħwienet, bejjiegħa u negozjanti żgħar. Iktar ma l-Maltin saru Franċiżi, iktar tjiebet il-kundizzjoni ekonomika u soċjali tagħhom.

L-edukazzjoni obbligatorja bilfors kellha sehem kbir f'dan l-iżvilupp. Waqt li missier Concetta, Ġużi Sciberras, nafu li kien bla skola, bħalma aktarx kienet ommha Ġuża, kemm hi u kemm ħutha kienu jafu jiktbu u jaqraw. Spiru u Salvu Sciberras jissemmew saħansitra fil-gazzetti lokali li kienu joħorġu bil-Franċiż minħabba n-negozju tagħhom, daqqa għax xtraw negozju mingħand ħaddieħor, u daqqa għax in-negozju tagħhom falla.

Fl-1885, sena wara li Karmena Sciberras, oħt Concetta, mietet ta' sbatax-il sena Konstantina, il-ġenituri u binthom iż-żgħira reġgħu lura Malta fuq l-istess vapur bl-istim li bih kienu emigraw lejn l-Alġerija. L-aħwa s-subien baqgħu l-Alġerija. Spiru u martu, il-prima kuġina tiegħu, kienu diġà tilfu l-ewwel wild. Eventwalment kellhom sitt ulied li minnhom baqa' ħaj wieħed biss. Salvu u martu kellhom tliet ulied, li minnhom baqgħet ħajja biss it-tifla. Eventwalment iżżewġet lil kuġinuha, iben Spiru, b'dispensa li ngħatat mill-Knisja Kattolika. L-istorja tal-familja Sciberras u d-dixxendenti tagħha f'Konstantina u lil hinn hija storja ta' ftit suċċessi u ħafna dulur.

Fl-1890, fil-knisja parrokkjali ta' Santa Liena Birkirkara, Concetta Sciberras ta' 19-il sena żżewġet lil Vincenzo Brincat ta' 24. Kellhom għaxar ulied. Tlieta mietu qasir il-għomor, fosthom Karmena li mietet ta' sbatax. L-istorja kultant għandha ħabta tirrepeti ruħha b'mod traġiku.

Wara li rabbiet 'il uliedha, fl-1919, is-sena tar-rewwixta tas-Sette Giugno, Concetta Brincat, jew "Cornelia Melitesi", kitbet (jew forsi addattat għall-Malti) l-ewwel rumanz tagħha, Il-Familja de Valereux, jew Louis Mitluf Ġewwa l-Bosk, ambjentat fi żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Dan ir-rumanz u ta' warajh, Is-Saħħara Nerelis (1922), baqgħu misturin fil-pitazzi tal-iskola li fihom kitbithom. Dawn huma l-ewwel rumanzi ta' mara bil-Malti li nafu bihom, 40 sena qabel ta' Mary Meylak. Issa wasal iż-żmien li joħorġu. Imma dik storja oħra.